# IL-WARDA TA' MEJJU

Qabel ma nasal ħdejk inħoss ir-riħa
ġejja mal-fewġa w-dlonk tiżdied fil-ħlewwa,
għax il-ward kollu tisboq int fil-fwiħa

Inti l-warda ta' Mejju ħamranija,
imħarsa b'għaqal kbir mill-ħajt-il-ġewwa
tal-ġnien, ma' nżul ix-xemx bl-ilma msoqqija.

*

Kullħadd ifaħħrek; minn kullħadd maħbuba:
ma tmurx fi knisja jew ġo dar ferħana
li ma ssibx lilek fuq artal minsuba.

Qalb in-niket u l-biki ta' di' l-ħajja.
ma jinsabx leħen sgur, ma jinsabx għana
oħla minn tiegħek, tkun xi tkun il-ġrajja.

*

Iġbor, irżina, l-weraq : il-lejl daħal :
ma' tlugħ ix-xemx tarġa' mill-ġdid miftuħa,
timla bi fwiħtek l-ajru bnin tar-raħal,
fwiħtek minn oħra qatt u qatt mirbuħa.

**Mons. Gauci**

# MIKIEL ANTON VASSALLI

*Jorbot ma' l-Għadd ta' qabel* *paġ. 25*

Wara sew sew xi xahar u ftit ġranet li l-Franċiżi kienu daħlu u ħadu l-Gżejjer ta' Malta, Malta tbiddlet bħan-nhar mil-lejl. Tibdil ta' ismijiet fl-ibliet li ġew imqassmin f'żewġ distretti, tibdil fl-ismijiet tat-triqat tal-Belt, imsejħin b'isem franċiż, Gvern Militari taħt il-Ġeneral tal-Armata bħala Kap taż-żewġ Gżejjer u Gvern Ċivili taħt it-treġija tal-Kummissarju tal-Gvern, b'Kummissjoni u Muniċipalitajjiet biex imexxu l-amministrazzjoni Ċivili tal-pajjiż. Taqsim ta' Rħula f'4 distretti bil-Muniċipju u l-Imħallef tal-Paċi tagħhom. Dawn aktarx kienu jingħażlu minn fost l-aħjar nies tal-kotra tal-maltin. Flok dak il-lbies ta' Kavalieri bis-salib abjad fuq il-mantar iswed, fit-triqat ta' Malta, ma kontx tara ħlief ilbies iswed bil-faxex tas-satin tat-tliet kuluri bi frenża tad-deheb fit-tarf marbuta madwar il-ġnub, firjoli suwed tal-ħarir bir-rivolta roża madwar il-għonq sal-irkubbtejn. Kpiepel tal-pannu suwed miftuħin u merfugħin minn ġenb wieħed b'kukkarda mwaħħla u bi tliet rixiet : bajda, ħamra u kaħla. Uċuh ġodda jleqqu bid-dija tal-Libertà mħallta ma' l-uċuh tal-pajjiż li donnhom għadhom kif qamu minn raqda ta' lejl li għal mument nessa l-waħx u l-biża' taż-żmenijiet. Twaqqfet il-milizzja b'nies minn 17 sa 50 sena. Żgħażagħ maltin ingħażlu bħala kadetti tal-marina biex jitgħallmu s-sengħa tal-baħar għal bdoti. Twettaq ir-riġment qadim tal-Kaċċaturi b'fizzjali maltin u b'hekk inħaseb biex fl-14 ta' Lulju l-Franċiżi flimkien mal-Maltin tagħmel il-Festa ta' l-Arblu tal-Libertà jew tar-Repubbblika. Il-poplu kien għadu mriegħed, stordut u mkexkex u kull bxara bħal din magħha kien ikollha x-xniegħa li se' jkun hemm frattarijiet, sokor, serq, fastidju lin-nisa u ħafna disordnijiet oħra. Iżda bħalma jiġri dlonk, il-Gvern Franċiż waqa' fuq il-kappillani u dawn nedew u fissru li dik kienet għors ta' ferħ u hena għall-poplu u biex il-poplu jieħu sehem fih bħala sinjal ta' dak il-Ħelsien li ġie mogħti bil-ħakma l-ġdida tar-Repubblika Franċiża lill-maltin. Għal din il-laqgħa għalenija ta' ferħ fejn il-kbarat tħalltet maż-żgħar, u l-għonja mal-foqra u n-Nobbli maltin ġew jaħarqu f'riġlejn l-Arblu tal-Libertà d-diplomi mogħtijin lilhom mill-Kavalieri li fihom ħallew urajhom ix-xbieha tas-saltna kiefra tagħhom li kienet firdet il-Gvern mill-Poplu
u nisslet il-mibegħda għal xulxin, għal din il-laqgħa għal-
enija ta' ferħ kbir saru tiġrijiet ta' bhejjem, inqrat Proklama
u saru taħditiet bil-franċiż lill-poplu: taħdita mill-Kummis-
sarju tal-Marina, oħra mill-Ġeneral u Kap Kmandant, oħra